MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2011

Numru. 931/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**
**Lawrence Attard residenti Hide away Block, Flat 1, Coca Cola,**
**Triq il-Punici, Munxar, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 15064(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Lawrence Attard li gie akkuzat talli nhar l-01.12.2009 ghal habta ta' 20:00hrs gewwa l-Ghassa tal-Pulizija Rabat, Ghawdex:-

1. qal kliem fahxi li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku
2. volontarjament kiser il-paci pubblika b'ghajjat u/jew glied

3. aktar talli ingurja u/jew hedded lil PS715 persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikunsidra l-istess;

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, izda fuq kollox ix-xhieda tal-Probation Officer Carmen Nygaard minn fejn jirrizulta illi l-imputat ghamel progress kbir fl-imgieba tieghu;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli 338(bb), 338(dd) u 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tqieghed lil hati taht ordni ta' probation ghal zmien tliet (3) snin mil-lum;

Inoltre l-Qorti wara li rat l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9, torbot lill-hati b'garanzija taht penali ta' hames mitt ewro (€500) ghal zmien sena fil-konfront ta' PS 715 Lucian Gatt;

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbghat lid-Direttur tal-Probation Services skont il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------